13 February 2019 / Maltese

ROADMAP ON CARCINOGENS

# IL-FATTI IĊ-ĊOMB

**Fl-Unjoni Ewropea, 1.5 miljun ħaddiem huma stmati li huma potenzjalment esposti għaċ-ċomb u komposti inorganiċi taċ-ċomb. L-iktar rotta komuni ta' espożizzjoni għaċ-ċomb fuq il-post tax-xogħol hija l-inalazzjoni ta' dħaħen taċ-ċomb jew trabijiet fl-arja li fihom iċ-ċomb u l-assorbiment taċ-ċomb mis-sistema respiratorja. L-espożizzjoni għaċ-ċomb ġie assoċjat ma' riskju akbar ta' kanċer tal-pulmun, tal-istonku u tal-bużżieqa tal-awrina f'popolazzjonijiet differenti. L-iktar evidenza epidemjoloġika b'saħħitha għal dan l-argument, hija kanċer tal-pulmun u tal-istonku, li huma assoċjati b'mod konsistenti imma dgħajfa, ma' xogħlijiet u industriji li jinvolvu espożizzjoni għaċ-ċomb. Iċ-ċomb huwa kklassifikat bħala karċinoġenu fi Grupp 2B mill-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka fuq il-Kanċer (IARC), jiġifieri probabbilment huwa karċinoġenu għall-bniedem.**

## Fejn jinsabu r-riskji

Id-dħaħen taċ-ċomb huma prodotti waqt l-ipproċessar tal-metall, meta l-metall ikun qed jissaħħan jew jiġi ssaldjat. Trab taċ-ċomb jiġi prodott meta l-metall ikun qiegħed jinqata' jew meta ż-żebgħa taċ-ċomb tkun xkatlata jew imneħħija b'heat gun. Id-dħaħen taċ-ċomb u t-trab taċ-ċomb m'għandhomx riħa, għalhekk tista' ma tkunx taf li qed tkun espost. Għalkemm l-użu taċ-ċomb naqas, dan għadu komuni f'ħafna industriji, inkluż fil-kostruzzjoni, t-tħaffir fil-minjieri u fil-manifattura. F'kull waħda minn dawn l-industriji, il-ħaddiema huma f'riskju li jkunu esposti għaċ-ċomb, billi jieħduh man-nifs, jinġerixxuh, jew jiġu f'kuntatt ma' dan il-materjal.

## Iktar informazzjoni

Iċ-ċomb huwa metall tqil, blu-griż li jinsab f'ammonti żgħar fil-qoxra tad-dinja. Jista' jintuża bħala metall pur, imħallat ma' metall ieħor biex jifforma alloy, jew fil-forma ta' kompost kimiku. Użu primarju taċ-ċomb huwa għal batteriji tat-tip lead acid tal-karozzi, tip ta' batterija elettrika rikarikabbli li tuża alloy taċ-ċomb kważi pur. Iċ-ċomb jista' jintuża wkoll fil-produzzjoni ta' ammunizzjon, prodotti tal-metall (stann u pajpijiet), u apparat biex jipproteġi mill-X-rays. Minħabba tħassib dwar is-saħħa, iċ-ċomb fiż-żebgħa u prodotti taċ-ċeramika, caulking, u stann tal-pajpijiet tnaqqas b'mod drammatiku fis-snin riċenti.

## Kif tista' tkun affettwat

Iċ-ċomb jgħaddi mill-pulmun fid-demm fejn jista' jagħmel ħsara lil ħafna mill-organi tal-ġisem. L-effetti fuq is-saħħa minn espożizzjoni eċċessiva fi żmien qasir għaċ-ċomb jistgħu jvarjaw minn uġigħ addominali għal uġigħ ta' ras u għeja. Espożizzjoni fit-tul għaċ-ċomb tista' twassal għal uġigħ addominali, dipressjoni, dardir, mard tal-qalb, mard tal-kliewi u problemi ta' fertilità. Il-mekkaniżmi preċiżi li bihom iċ-ċomb jikkawża l-kanċer mhumiex magħrufa. Il-komposti taċ-ċomb ma jidhrux li jikkawżaw ħsara ġenetika direttament, iżda jistgħu jagħmlu hekk permezz ta' bosta mekkaniżmi indiretti, inklużi l-inibizzjoni tas-sintesi u t-tiswija tad-DNA, ħsara ossidattiva, u interazzjoni ma' proteini li jorbtu mad-DNA u proteini li jrażżnu t-tumur.

## X'tista' tagħmel

Kejjel l-espożizzjoni kontinwament sabiex ikun magħruf meta għandhom jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa. Investiga jekk il-ħaddiema jirrappurtawx sintomi bikrija.

L-aktar mod effettiv biex tiġi evitata l-espożizzjoni huwa permezz tas-sostituzzjoni ma' prodotti ta' kontenut taċ-ċomb baxx, jew mingħajr ċomb. Fejn il-prodotti li fihom iċ-ċomb ma jistgħux jiġu sostitwiti, ħarreġ lill-ħaddiema dwar perikli u prattiċi ta' xogħol bla periklu. Uża kontrolli ta' inġinerija xierqa biex tiżgura li ż-żona tax-xogħol tkun ventilata sew. Ikel u, jew xorb għandhom isiru biss f'żoni fejn prodotti li fihom iċ-ċomb ma jkunux qiegħedin jiġu użati jew ipproċessati.
Aċċerta ruħek li l-ħaddiema jkollhom tagħmir protettiv personali xieraq, bħal nuċċalijiet ta' protezzjoni, apparat respiratorju xieraq, coveralls u ingwanti tajbin. F'xi każijiet respiratur jista' jkun meħtieġ. It-tagħmir protettiv personali għandu jintuża biss bħala l-aħħar għażla, wara li jiġu introdotti s-soluzzjonijiet ta' inġinerija possibbli.

*Referenzi: IARC, NIEHS, NIOSH, CAREX.*

**SOLUZZJONIJIET U PRATTIKA TAJBA? WWW.ROADMAPONCARCINOGENS.EU/LEAD**